**17 ta' Marzu, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Ellul et.

*versus*

Raimondo Ellul et.

**Preskrizzjoni — Bejt — Arja — Rikonoxximent — Rinunzja — Titolu — Art. 360, 2212(1), u 2238 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preżunzjoni legali hija illi min jippossjedi l-art jippossjedi wkoll dak kollu li jkun jeżisti fuqha jew taħtha; b'mod illi minn jippossjedi fond jippossjedi wkoll il-bejt u l-arja ta' dak il-fond. Jekk ħadd ieħor jippretendi li dak il-bejt u dik l-arja huma tiegħu bis-saħħa tal-preskrizzjoni triġenarja, din l-eċċezzjoni tirrikjedi illi huwa kellu l-pussess tal-bejt u tal-arja għaż-żmien ta' tletin sena rivestit bl-elementi tal-kontinwità, tal-univoċità, tal-paċifiċità, u tal-padrunanza.*

*Il-preskrizzjoni trijenarja hija inkompatibbli mal-eċċezzjoni, sija pure subordinata, tal-proprjetà; u r-regola illi lil min jeċċepixxi l-preskrizzjoni triġenarja ma jistgħax jiġi oppost in-nuqqas ta' titolu jew ta' bwona fede ma hix applikabbli*

*meta min jallegahc ma jiddefendix ruħu bil-pussess biss, imma wkoll billi jindika li għandu titolu ta' proprjetà. U huwa magħruf illi hemm titolu, skond il-liġi, meta l-pussess ikun ġie akkwistat permezz ta' waħda mil-kawżi kapaċi li jittrasferixxu l-proprjetà, bħal ma hija l-preskrizzjoni.*

*Għaldaqstant, min jopponi li huwa proprjetarju ta' dawk il-bjut, jew ta' dik l-arja, ma jistgħax jiddefendi ruħu bil-pussess tal-istess bjut, li fuqu tinsab bażata l-preskrizzjoni; u għalhekk ma jistgħax jinvoka favur tiegħu l-prinċipju "Possideo quia possideo".*

*Rikonoxximent tad-dritt ta' ħadd ieħor, waqt li tkun għaddejja l-preskrizzjoni, jammonta għal interruzzjoni tal-preskrizzjoni, u mil-mument ta' dak ir-rikonoxximent tibda għaddejja preskrizzjoni ġdida. Jekk mbgħad dak ir-rikonoxximent isir meta l-preskrizzjoni tkun ġa għalqet, l-istess rikonoxximent jammonta għal rinunzja tal-preskrizzjoni.*

*Min jallega u jeċċepixxi d-dritt ta' proprjetà fuq ħaġa, huwa obligat jagħti prova sħieħa u rigoruża tad-dritt tiegħu; diversament, ibati l-konsegwenzi tal-aforisma "melius non habere titulum quam habere vitiosum".*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, peress li l-konvenut Raimondo Ellul jippretendi li l-bjut tal-fond l-Imqabba, numru 15 drabi oħra 9C. Church Square, proprijetà tal-instanti u tal-konvenuti Maria Baldacchino, Nazzareno Chircop, u Filippa Chircop, jappartjenu lill-fond adjaċenti proprjetà tiegħu; u peress li l-bjut tal-fond 15 ġa 9C. Church Square, Imqabba, ad eċċezzjoni ta' dik il-parti li hija annessa mal-fond attigwu, jappartjenu lill-istess fond 15 ġa 9C. Church Square, Imqabba; wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, talbu li jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti li l-bjut tal-fond numru 15 ġa 9C. Church Square, Imqabba, barra parti żgħira minnhom annessa mal-fond attigwu, jappartjenu lill-fond tal-atturi, u mhux lill-fond attigwu appartenenti lill-konvenut Raimondo Ellul. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut Raimondo Ellul;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta li l-bejt in kwistjoni huwa proprijetà tal-atturi u tal-konvenuti barra Raimondo Ellul, kif jirriżulta millatt notarili eżibit a fol. 5 u skond il-preżunzjoni kreata mill-art. 360 tal-Kodiċi Ċivili; u dan wara illi rrileva li taħt iċ-ċirkustanzi riżultati ma jidherx illi l-okkupazzjoni da parti ta' Raimondo Ellul tal-bejt in kwistjoni tirrivesti suffiċjentement l-element tal-kontinwità, ta' univoċità, ta' paċifiċità u ta' padrunanza, biex tekwivali għall-pussess utili għall-preskrizzjoni minnu opposta;

Illi l-konvenut Raimondo Ellul baqa' jinsisti fuq l-eċċezzjoni tiegħu; anzi fin-nota tiegħu fol. 82 huwa oppona illi l-atturi ma ppruvawx li huma proprijetarji tal-fond sottopost għall-bjut in kwistjoni:

Illi, barra dak li sottometta l-perit dwar l-eċċepita preskrizzjoni triġenarja, li l-Qorti taqbel miegħu, għandu jiġi osservat illi din l-eċċezzjoni ssir inkompatibbli mal-eċċezzjoni, sija pure subordinata, tal-proprijetà tal-bjut. Difatti, huwa ormaj assodat fil-ġurisprudenza tagħna illi "la regola che a chi allega la prescrizione trigenaria non si può opporre difetto di titolo o di buona fede non ha luogo quando l'allegante non si contenta di difendersi col solo possesso, ma indica un titolo, se questo è vizioso" (Kollez. VIII, 267; XXXII-I-735). Issa, huwa magħruf li hemm titolu skond il-liġi, meta l-pussess ikun ġie akkwistat permezz ta' waħda mill-kawżi kapaċi li jittrasferixxu l-proprijetà, bħal ma hija l-preskrizzjoni (art. 597 (1) Kod. Ċiv.); konsegwentement, il-konvenut Raimondo Ellul, lalarba oppona li huwa l-proprijetarju tal-bjut, ma jistgħax jiddefendi ruħu bil-pussess tal-istess bjut, li fuqu biss tinsab bażata l-preskrizzjoni, u għalhekk ma jistgħax jinvoka favur tiegħu l-prinċipju 'possideo quia possideo";

Illi, jekk qatt "ex hypothesi" il-preskrizzjoni kienet eċċepibbli, hija però ma tistgħax tiġi milqugħa, għar-raġunijiet sottomessi mill-perit legali, u senjatament dik li l-pussess tal-eċċipjent ma għandux il-kwalitajiet "kollha" preskritti mill-art. 2212(1) tal-Kodiċi Ċivili. Barra minn

dan ta' min josserva u jissottolinea r-rikonoxximent taddritt tal-atturi magħmul mill-konvenut Ellul meta huwa ltaqa' magħhom fuq il-bjut in kwistjoni biex jiġi definit "fejn" u "kif" kellha ssir l-opramorta bejn il-fondi tagħhom; liema rikonoxximent sar, kif osservaw l-atturi finnota tagħhom fol. 89, erbgħa snin qabel Lapsi tas-sena 1955; u allura, ladarba l-konvenut sar proprijetarju talfond adjaċenti fit-18 ta' Ottubru 1925, sa meta sar l-imsemmi nkontru kienu għaddew biss 26 sena; u peress li l-preskrizzjoni kienet għadha miexja, dak ir-rikonoxximent serva biex jinterrompi l-preskrizzjoni (art. 2238 Kod. Ċiv.), u minn dak iż-żmien bdiet preskrizzjoni ġdida, li reġgħet ġiet interrotta permezz taċ-ċitazzjoni odjerna. Jekk mbgħad, kif jippretendi l-konvenut, iż-żmien tal-preskrizzjoni kien ġa għalaq, dak ir-rikonoxximent jammonta għar-rinunzja taċita għall-preskrizzjoni (Kollez. XXXI-II-13; XXXVII-I-544; u App. Ċiv. 8.1.1960 in re "Fenech vs. Bezzina"); u fl-imsemmija żewġ ipotesi dik l-eċċezzjoni mhix attendibbli;

Illi, għalhekk, għandha tiġi eżaminata t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, jiġifieri jekk huwiex il-proprijetarju talbjut in kwistjoni;

Illi l-konvenut b'din l-eċċezzjoni sar attur, u obbligat jagħti prova pjena u rigoruża tad-dritt tiegħu (Pacifici Mazzoni, Beni §102; Digesto Italiano, Rivendicazione §85). Issa, kif issottometta l-perit legali, il-konvenut qiegħed jikkontesta t-talba tal-atturi mhux permezz ta' xi att notarili, iżda bil-fatt pożittiv illi l-bjut huma aċċessibbli biss millfond tiegħu; iżda, għar-raġunijiet miġjuba mill-perit legali, dan biss ma jwassalx neċessarjament għall-konklużjoni illi l-arja tal-bjut fuq il-fond tal-atturi tappartjeni lilu in proprijetà. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, it-titolu akkampat millkonvenut ma jinsabx pruvat soddisfaċentement. u għalhekk il-konvenut għandu jbati l-konsegwenzi tal-aforisma "melius non habere titulum quam habere vitiosum", kostantement applikat mill-Qrati Tagħna, kif jidher mis-sentenzi fuq ċitati;

Illi, fl-aħħar nota tiegħu fol. 82, il-konvenut ittanta l-aħħar karta, u waqqa' d-dubju dwar jekk l-atturi humiex

il-proprijetarji tal-fond sottostanti għall-bjut in kwistjoni. Għal dan irrispondew l-atturi bin-nota tagħhom fol. 89 u bid-dokumenti magħha eżibiti, li ma ġewx bl-ebda mod attakkati mill-konvenut; u l-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni r-riżultanzi proċesswali, ma għandiex motiv biex ma tilqgħax l-assunt tal-atturi;

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tal-perizja ġudizzjarja;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Raimondo Ellul, u senjatament dik relattiva għall-preskrizzjoni ta' tletin sena;

U tilqa' t-talba tal-atturi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut Raimondo Ellul.